**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs.**

**Walter Desira**

Numru 433/2011

Illum 16 ta' Marzu 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Walter Desira**, ta' tlieta u tletin (33) sena, imwieled Pietà fit-3 ta' Mejju 1977, bin Carmelo u Rita neé Cassar, residenti St. Philip Crt, Flat 1, Triq Mons. Anton Cilia, Zebbug u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 237377(M)

akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-18 ta' Marzu 2011 u matul iz-zmien ta' qabel, cioé dawn l-ahhar tlett xhur ta' qabel din id-data, b'diversi azzjonijiet maghmula minnu anke jekk fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. ikkoltiva l-pjanta *Cannabis* u dan bi ksur tal-Artiklu 8(c) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess zmien u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tieghu l-pjanta C*annabis* kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinietx ghall-uzu eskluzziv tieghu;

3. matul ix-xhur ta' qabel it-18 ta' Marzu 2011 f'dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkuzat jew huma proprjeta' tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzat milli jittrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli u dan *ai temini* ta' l-Artikolu 22A ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) u ta' l-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, tordna lill-imputat ihallas lir-Registratur l-ispejjez kollha jew parti minnhom li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk ta' l-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-Process Verbal ta' l-Inkjesta, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni *ai termini* tal-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 8) datat 19 ta' Marzu 2011 *ai termini* ta' Artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) li permezz taghha baghat lill-imputat sabiex jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb

ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat il-Process Verbal bin-Numru 299/11 redatt mill-Magistrat Dr. Gabriella Vella dwar sejba ta' diversi pjanti suspettati pjanti tal-*Cannabis* flimkien ma' ammont zghir ta' zerriegha gewwa appartament f'Haz-Zebbug (*a fol.* 20 *et seq.*).

Rat il-Kontro-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 167) datat 23 ta' April 2012 *ai termini* ta' Artikolu 31 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) li permezz taghha ordna li l-imputat jigi processat quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq l-akkuzi migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat illi, fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2012 (*a fol.* 168), il-Qorti diversament preseduta gabet a konjizzjoni tal-partijiet il-Kontro-Ordni tal-Avukat Generali hawn fuq imsemmija.

Rat illi, fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2014, l-imputat ta d-depozizzjoni tieghu minn jeddu u b'mod volontarju (*a fol.* 217 *et seq.*).

Rat illi, fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2014 (*a fol.* 216), il-Qorti diversament preseduta laqghet it-talba tad-difiza sabiex jigi mhejji *Social Inquiry Report* fil-konfront tal-imputat.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 260 *et seq.*).

Semghet, fis-seduti tal-10 ta' Dicembru 2015 (*a fol.* 266) u tat-3 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 267), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet, fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 274), ix-xhud imressaq mid-difiza u semghet, fl-istess seduta, lid-difiza tiddikjara li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-kaz.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fis-16 ta' Dicembru 2016 (*a fol.* 298 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza pprezentata fl-20 ta' Dicembru 2016 (*a fol.* 300 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2011, xehed **PS 579 Antoine Micallef** (*a fol.* 28 *et seq.*) fejn qal li fit-18 ta' Marzu 2011 ghas-7.30pm gie mwaqqaf l-imputat waqt li huwa kien hiereg minn blokk ta' appartamenti f'Haz-Zebbug. Jispjega li fit-terrazzin tar-residenza tal-imputat kien hemm zewg serer li fihom kien hemm pjanti tal-*Cannabis* u hdejn is-serer kien hemm barmil li kien fih pjanta ohra suspettata tal-*Cannabis*. Jghid li gol-*washroom* kien hemm ukoll parti minn din il-pjanta li kienet qed titnixxef. Jixhed li fil-*washroom* instabu hames zerrieghat u li minn fuq il-post gew elevati bozza ta' *lampshade* li kienet go wahda mis-serer (li kienet tixghel bit-*timer*) u kif ukoll xi affarijiet li jintuzaw biex tkabbar is-serer.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2011, xehed ukoll **PC 10 Trevor Cassar Mallia** (*a fol.* 30 *et seq.*) li xehed fuq l-istess linji li xehed fuqhom PS 579 Antoine Micallef u zied jghid li, apparti l-bozza, fuq in-naha ta' barra kien hemm *insect repellent* u xi hamrija.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2011, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Johann J. Fenech** (*a fol.* 39 *et seq.*) fejn spjega xi nstab fir-residenza f'Haz-Zebbug wara li kien ingieb mandat biex issir tfittixija. Jghid li huwa acceda fuq il-post. Jixhed: *"sibna total ta' 14*

*pots li fihom kien hemm 21 plants illi s-suspett dak il-hin kien li huma Cannabis. Go washroom fl-istess bitha sibna wkoll ammont zghir ta' zerriegha u taht tieqa fl-istess washroom ukoll sibna wkoll bicca pjanta niexfa. Dik il-bicca zokk as such ghax mhux pjanta, sibna wkoll li gie maqtugh minn pjanta ohra li kienet fejn serra barra. […] Xtaqt inzid ukoll li f'wahda minn dawk is-serer fejn kien hemm id-dawl, kien hemm ukoll timer installat u fil-vicin taghhom kien hemm ukoll xi plastic bags ta' xi compost"* (*a fol.* 40). Ikkonferma li l-imputat irrilaxxa l-istqarrija li tinsab *a fol.* 10 *et seq.*. Qal li minkejja li l-imputat inghata t-twissija li setgha jibqa' sieket pero l-imputat ghazel li jwiegeb ghall-mistoqsijiet li sarulu u jghid li l-imputat ikkoopera. Waqt id-depozizzjoni tieghu, l-iSpettur Fenech spjega x'intqal lilu mill-imputat fl-istqarrija. Ezebixxa kondotta u certifikat tat-twelid tal-imputat li gew immarkati bhala Dok. "JF 1" (*a fol.* 44) u Dok. "JF 2" (*a fol.* 45) rispettivament.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2013 (*a fol.* 191 *et seq.*), wiegeb fin-negattiv ghad-domanda jekk ivverifikax il-*websites* li l-imputat qallu li gab l-informazzjoni minnhom dwar it-tkabbir. Jghid li ma ghamilx hekk ghax emmen lill-imputat. Jghid li l-imputat qallu li kien xtara pakkett b'xi *bird seeds* minn go *pet shep* go Hal-Qormi. Ma jeskludiex li l-imputat qallu li l-isem tal-*pet shop* kien *Melbourne Pet Shop*. Jghid li ma hassx il-htiega li jmur gol-*pet shop*. Ghad-domanda: *"Jigifieri ma hassejtx li importanti li inti tinvestiga bejgh ta' bird seeds li qed jinbet minnu l-Cannabis, dik ghalik ma kinietx importanti jigifieri meta l-kultivar ta' Cannabis huwa llegali?"* (*a fol.* 193), wiegeb: *"Ha nghidlek, jien ghandi nifhem li tmur tixtri bird seeds minn go hanut mhux biex tkabbarhom, biex titmaghhom l-ghasafar, issa inti jekk ha zzommhom biex tikkultivahom hemmhekk ghandek reat"* (*a fol.* 194). Jghid li kieku l-imputat tah aktar dettalji biex ikun jista' jasal minn ghand min xtara r-raza kien dispost li jaghti lill-imputat id-dritt li jibbenifika minn Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Jghid li ma hassx li l-imputat kellu jibbenifika minn Artikolu 29 semplicement ghax qallu minn ghand min xtara l-*bird seeds*.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2011, xehed ukoll ix-**Xjenzat Godwin Sammut** (*a fol.* 46 *et seq.*) fejn spjega x'gie mghoddi lilu. Huwa pprezenta r-rapport redatt minnu, liema rapport gie mmarkat bhala

Dok. "GS" (*a fol.* 50 *et seq.*). Jghid li kull *joint* jew *reefer* ikollha madwar 200mg *Cannabis herb* jew resin u ghalhekk ikkalkula li bl-ammont li gie mghoddi lilu setghu jsiru 491 *reefers* jew *joints*.

In kontro-ezami kkonferma li l-pjanti kienu t-tip ta' *Cannabis sativa* u li fuq il-weraq tal-pjanti 098_11_01 sa 098_11_15 instabu *trichomes*, fattizzi tal-weraq tal-pjanta tal-*Cannabis*. Ikkonferma wkoll li fuq il-pjanti kollha (mhux fuq il-weraq kollha) rrizulta l-prezenza ta' *tetrahydrocannabinol*.

In kontro-ezami, li tkompla fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2013 (*a fol.* 205 *et seq.*) jghid li l-ewwel hu halla x-xtieli jinxfu imbaghad wizen il-weraq niexef biss minghajr gheruq u zquq. Ghad-domanda: *"[M]eta allura inti gejt biex tara l-ammont ta' THC li kien hemm f'dawn il-pjanti, inti ghamilt analizi billi tifred in-nisa mill-irgiel?"* (*a fol.* 207), wiegeb: *"Bhala nisa u rgiel ma kienx hemm, jiena l-pjanti kollha ma kienx hemm sinsemilla, in fatti semmejtha fir-rizultat tieghi li l-pjanti kollha jien ghamilthom tip N li tirreferi li mhux sinsemilla. Il-pjanti kienu zghar wisq, early reproductive stage"* (*a fol.* 207).

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Lulju 2011, xehed il-**Perit Richard Aquilina**[1] fejn ipprezenta r-rapport redatt minnu, liema rapport gie mmarkat bhala Dok. "RA" (*a fol.* 92 *et seq.*).

Il-**Perit Richard Aquilina** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2012 (*a fol.* 136 *et seq.*) fejn ikkonferma l-kontenut tar-rapport immarkat bhala Dok. "RA" (*a fol.* 92 *et seq.*).

In kontro-ezami, mistoqsi jghid jekk meta kejjel ix-xtieli, il-kejl kienx jinkludi wkoll il-kobor tal-*pot*, wiegeb fin-negattiv u specifika li l-kejl kien minn wicc il-hamrija l-fuq. Jghid li l-kejl sar fuq il-pjanti kollha u qabel ma nqalghu.

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Awwissu 2011, xehed **PS 74 Mark Chetcuti** (*a fol.* 104) fejn beda billi qal li gie appuntat fl-Inkjesta Magisterjali. Jghid li huwa eleva sittax (16) il-dokument u li dawn ghaddiehom

[1] Minhabba raguni teknika d-depozizzjoni moghtija mill-Perit Richard Aquilina fis-seduta tas-26 ta' Lulju 2011 ma setghetx tigi traskritta.

lix-Xjenzat Godwin Sammut. Ipprezenta r-rapport redatt minnu, liema rapport gie mmarkat bhala Dok. "MC" (*a fol.* 106 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Awwissu 2011, xehed ukoll **PS 1147 Antoine Fenech** (*a fol.* 113) fejn qal li gie appuntat fl-Inkjesta Magisterjali. Huwa pprezenta r-rapport redatt minnu flimkien ma' faxxikolu fotografiku bi tlieta u tmenin (83) ritratt tal-kulur, liema rapport gie mmarkat bhala Dok. "AF" (*envelope loose*).

Illi, fis-seduta tal-2 ta' Novembru 2011, xehed **PS 635 Alan Calleja** (*a fol.* 125 *et seq.*) fejn spjega li fit-18 ta' Marzu 2011 kellu struzzjonijiet biex jaghmel tfittxija go residenza f'Haz-Zebbug. Jghid li ghall-habta tal-5.30pm-s-6.00pm raw lill-imputat diehel fir-residenza. Jghid li dahlu mieghu u spjega x'instab f'din ir-residenza. Jghid: *"Fittixna gor-residenza gewwa ma kien hemm xejn, lanqas ghamara ma kien hemm gewwa. Hrigna barra fit-terazzin fejn fuq wara tat-terazzin, dan hu terrazzin forma ta' bejt, huwa kbir, kien hemm zewg serer zghar u dawn is-serer kellhom dawl artificjali u go fihom kien hemm erbatax (14)-il qasrija b'wiehed u ghoxrin (21) pjanta go fihom li kienu suspettati tal-Cannabis. Kien hemm kamra fuq dan it-terrazzin li nistghu nghidulha washroom. Go fiha kien hemm xi zerriegha u xi pjanti li kienu qed jigu mnixxfa"* (*a fol.* 125-126). Jghid li gie nfurmat l-iSpettur Fenech u nfethet Inkjesta Magisterjali.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2012, xehed l-i**Spizjar Mario Mifsud** (*a fol.* 138 *et seq.*) fejn meta gie mistoqsi jghid jekk hemm xi differenza fil-qsari tal-*Cannabis* f'dawk li jkunu rgiel u nisa ghal fini ta' THC *levels*, wiegeb li l-kontenut THC fl-irgiel ikun inqas minn dik fin-nisa. Jghid li l-ligi lokali ma taghmilx differenza bejn pjanti nisa u rgiel bhal ma jsir f'pajjizi ohra Ewropej. Jghid: *"Il-male plant ma jkollhiex kwantita' ta' weraq li jkollha female plant. Bniedem fit-triq ma jaghmilhiex id-distinzjoni imma bniedem li ilu hafna jkabbar, u llum ghandek l-internet, ikun jista' jaghmel distinzjoni facilissima"* (*a fol.* 139). Fir-rigward tal-kobor tal-pjanta, jghid li dan jiddependi skond fejn din tithawwel fis-sens li jekk tithawwel go qasrija mod u jekk tithawwel go gardina mod iehor. Jghid ukoll li hemm min jaqtaghlha l-parti ta' fuq halli tinfexx iktar fil-weraq. Jghid li fil-kaz

odjern ma nghatax inkarigu biex jaghmel analizi fuq il-hamrija li kien hemm fil-post.

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Frar 2012, xehed **Manuel Scicluna** (rapprezentant tal-*Caritas* – *a fol.* 144 *et seq.*) fejnipprezenta dokument imhejji minn Reuben Degabriele, liema dokument gie mmarkat bhala Dok. "ES" (*a fol.* 146).

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2012, xehed **Dr. Vincent Galea** (*a fol.* 157 *et seq.*) fejn spjega li huwa kien gie mahtur sabiex jaghmel lista tal-assi kollha tal-imputat skond l-Artikolu 22A tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Jghid li kellu risposti fil-pozittiv, liema risposti gew mahlufa bil-gurament mill-persuni li rrispondew fil-pozittiv. Huwa ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "WD/VG" (*envelope loose*).

Illi, fis-seduta tal-13 ta' Marzu 2012, xehed ukoll **Reuben DeGabriele** (rapprezentant tal-*Caritas* – *a fol.* 159 *et seq.*) fejn spjega li s-sena ta' qabel l-imputat beda jattendi l-*Caritas* u wera progress u xtaq ikompli ghaddej bil-hajja tajba tieghu. Jghid li l-imputat rega' rranga l-affarijiet tieghu mal-familja u mat-tfal, li beda jahdem u li huwa dedikat hafna f'xoghlu u qed jikkoopera. Jghid li ttiehdulu diversi *urines* li dejjem rrizultaw *clean* minn kull sustanza tad-droga. Ezebixxa dokument li gie mmarkat bhala Dok. "RD" (*a fol.* 161), f'liema dokument jirrizulta, fost l-ohrajn, meta gew mittiehda l-*urine samples*.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-*urine samples* huma *supervised*.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2013, xehed **Clifford Cauchi** (*Principal Health Inspector* fid-*Drug Control Unit* – *a fol.* 186) fejn ezebixxa zewg dokumenti *ossia Control Cards* li gew immarkati bhala Dok. "CC" (*a fol.* 183) u Dok. "CC 1" (*a fol.* 184 *et seq.*). Jghid li fir-rigward ta' dak li gara qabel is-sena 2003 ma jistax jghid peress fis-sena 2000 kienu ghamlu arrangamenti u tibdiliet bil-kompjuter. Jghid li dawn il-*cards* kienu jinghataw biex l-imputat jinghata *narcotic and psychotropic drugs*, cioé dawk li huma jsejjhu bhala *specified drugs*.

Waqt id-depozizzjoni ta' Cauchi, id-difiza ezebiet *animo ritirandi Control Card*, fejn il-Qorti diversament preseduta ordnat li ssir vera kopja tal-istess li giet immarkata bhala Dok. "AA" (*a fol.* 190). Wara li Cauchi gie muri il-*Control Card* in kwistjoni spjega li din se taghlaq fl-ahhar ta' Frar 2013 u li mid-dehra l-imputat fl-ahhar zmien kull sena kien qed jiehu l-*Ativan*. Jghid li jirrizulta li l-ahhar li ha kien fit-2 ta' Dicembru 2012.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2014, xehed l-imputat **Walter Desira** (*a fol.* 217 *et seq.*) fejn beda billi qal li ghandu seba' u tletin (37) sena, li hu mizzewweg u li ghandu zewgt iftal. Jghid li minkejja li martu u hu ghandhom appartament, bhala familja jghixu ma' omm martu. Jghid li jghixu ma' omm martu peress li martu hajjata u b'hekk setghet tkompli bix-xoghol taghha. Jghid li llum il-gurnata huwa jahdem bhala *welder* fuq xoghol ta' hadid ma' San Blas Farm Limited. Jispjega li fiz-zmien tal-kaz odjern huwa ma kienx jahdem peress li kien gie mwaqqaf mix-xoghol li kien qed jaghmel peress li fejn kien jahdem kien naqas ix-xoghol. Jghid li kien ilu madwar tliet (3) snin jirregistra u li fir-rigward tal-flus huma dejjem ghaddew sew peress li martu tahdem bhala hajjata u omm il-mara kienet tghinhom peress li ghandhom negozju. Jixhed li fiz-zmien li ma kienx jahdem kien jircievi r-*relief*. Mistoqsi jghid jekk huwa qattx mess mal-haxixa, wiegeb li huwa kien ipejjipha regolarment. Specifika li kien ipejjep bejn seba' (7) jew tmien (8) *joints* kuljum. Jghid li huwa jbaghti b'attakk nervuz u bid-*depression* u li ilu jbaghti b'attakk nervuz mindu kellu tmintax (18) il-sena. Jghid li bhala kura jiehu l-*Ativan*. Ezebixxa l-karta tal-pilloli li giet immarkata bhala Dok. "WD" (*a fol.* 227). Jghid li meta nghata l-*Ativan* ta' 200mg, gismu beda qisu jidrahom u l-attakk nervuz beda jkompli jzid u jghid li spicca kissru. Jghid li kull xahar jiehu dak li hemm imnizzel fil-karta tal-pilloli. Jispjega li biex izid mal-*Ativan* beda juza l-*Cannabis* u beda jpejjep il-*joints*. Jghid li gie li ghamel tlitt (3) ijiem ma jaghlaqx ghajn m'ghajn u ma jkunx jista' jorqod u kien jispicca jaghmel il-*joints* u jpejjep u wara tigih il-hedla u jispicca jorqod. Jispjega li darba sab xoghol bhala xufier fuq gaffa pero kien jispicca jorqod u gie mkecci. Meta gie mistoqsi jghid min hawwel il-qsari li nstabu mill-Pulizija fir-residenza tieghu, wiegeb li kien hu li hawwilhom. Mistoqsi jghid x'wasslu biex ihawwilhom, wiegeb:

*"Darba kont qieghed inqalleb fuq l-internet normali hekk, dhalt go website li barra juzawha bhala medicina…tassativ u f'din il-website kien hemm hafna nformazzjoni ta' kif ikabbruha [il-pjanta tal-Cannabis]"* (*a fol.* 221). Jghid li mar go *pet shop*, xtara ftit zerriegha li jitimghu lill-ghasafar, qabad ftit bramel taz-zebgha vojta u hawwilhom. Jghid li qabel hawwel dawn, huwa kien diga jpejjep. Mistoqsi jghid kif kien jaghmel biex ipejjep, jghid li kien jinzel hdejn il-Kazin ta' San Bastjan f'Hal-Qormi u kien jixtri minn hemm. Jispjega li kien dejjem tiela' u nizel u x'hin ra dak li ra mill-*website* hass li kien aktar komdu li jhawwel u minghajr ma joqghod jissogra. Jghid li llum il-gurnata ma ghadux ipejjep u li malli beda dan il-kaz, martu mal-ewwel qaltlu li jekk kien ser jibqa' ghaddej kienu ser jinfirdu u b'hekk kien ser jitlef familja. Jghid li ma messx aktar d-droga mill-ewwel gurnata u li mar il-*Caritas*, fejn jghid li jmur darba fil-gimgha u jittiehed test tal-awrina kull meta jigi mitlub jaghmel is-sessjonijiet. Jghid li llum qed jahdem u ghandu impieg *full-time* u wara dan l-impieg ghandu s-sengha ta' tellar u *sprayer* u ghandu garaxx mad-dar, isib bicca xoghol u jaghmilha. Jghid li medicina ghadu jehodoha u li zied it-tabakk. Jixhed li meta ma jkunx jista' jorqod, il-bicca l-kbira jaqbad jinzel il-garaxx u jibqa' hemmhekk basta ma jiksirx il-ligi. Jghid li ma jmissx haxixa u li ma ghandux kazijiet ohra u kien darba li zbalja.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid ghala kabbar wiehed u ghoxrin (21) pjanta u mhux, per ezempju, erbgha (4) jew hamsa (5), wiegeb li huwa qatt ma kabbar qabel u li ma kellux esperjenza ta' tkabbir u li l-ewwel ma ghamel meta ghamel dawn il-bramel taz-zebgha kien li waddab fihom iz-zerriegha bl-addocc u minn go kull barmil ma kienx hemm pjanta wahda pero kien hemm erbgha. Jghid li meta wara ftit taz-zmein ra li ma telghux, rega' waddab u mbaghad bdew telghin u li meta bdew jikbru, dawn bdew hergin 'l hawn u 'l hemm mhux bhal ma ra fil-*website*. Jghid li fil-*website* huwa ra pjanti baxxi bil-bud u fil-fjuri, u dawn bdew tilghin zokk twil u weraq biss. Meta rega' gie mistoqsi mill-Qorti biex iwiegeb dak li kien staqsieh l-iSpettur fis-sens ghala kellu wiehed u ghoxrin (21) pjanta u mhux erbgha (4), wiegeb: *"Ghax jiena kif ghidt diga, l-ewwel waddabt u ma kibrux u mbaghad ergajt ghamilt erba' (4) bramel ohra u ergajt waddabt, allura huma li gara meta kibru dawn dawn kienu izghar,*

*jekk jista' jghidlek l-iSpettur ma kienux qies wiehed, kienu mtargin u jien l-iskop kien li mhux qed inkabbar biex ikolli lot, jien qed inkabbar biex dejjem ikolli"* (*a fol.* 224). Jghid li fuq il-*website* qara li dawn ikunu rgiel u nisa u li mhux kollha tajbin ghall-konsum biex tpejjiphom u trid telimina l-irgiel. Jghid li ma kellux esperjenza u li ma kienx jaf x'irid jaghmel bihom. Jispjega li ma kienx jaghraf bejn in-nisa u l-irgiel ta' dan il-pjanta. Mistoqsi jghid jekk lahaqx ghamel *joints* minn dawn il-pjanti, wiegeb: *"Le kull ma kien hemm kien hemm wahda zghira nqasmet bir-rih u biex nippruvaha l-pjanta z-zghira ghamiltha tinxef biex tippruvaha jiena imma ma lhaqtx jigifieri"* (*a fol.* 225). Mistoqsi jghid jekk hux qed jirreferi ghal dik il-bicca werqa li nstabet niexfa gol-*washroom*, wiegeb fl-affermattiv.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2014, xehdet l-Ufficjal tal-*Probation* **Svetlana Bezzina** (*a fol.* 230) fejn ipprezentat is-*Social Inquiry Report* redatt minnha, liema rapport gie mmarkat bhala Dok. "SB" (*a fol.* 232 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2015, xehed **Dr. Joseph Spiteri** (*a fol.* 254 *et seq.*) fejn spjega li huwa konsulent psikjatra u li lill-imputat gharfu peress li s-sena ta' qabel kien rah ghal xi zmien peress li kellu problema tad-*depression* u anke ghamel uzu ta' certu sustanzi. Jghid li l-*Control Card* turi li l-imputat kien jiehu ammonti kbar ta' *Ativan* li huma *drugs of addiction* fihom infushom u li jgieghluk taghmel affarijiet li mhux suppost taghmilhom. Jghid li din hija legali jekk tkun preskritta. Jghid: *"U dana f'dik is-sena ha twelve times two hundred (12 x 200) ammonti kbar. Issa normalment id-doza ta' kuljum hija bejn 2mg u 4mg, jekk tittiehed iktar tista' ggib dik li nghidulha addiction u allura ggib withdrawals meta ma jkunx available"* (*a fol.* 256). Mistoqsi mill-Qorti diversament preseduta ghala jinghataw l-*Ativan*, wiegeb: *"Jinghataw on short-term for anxiety, short term hija for two (2) or eight (8) weeks, ghalkemm il-prassi antika kienet li jinghataw ghal zmien twil, illum il-gurnata m'ghadniex naghtuhom ghal zmien twil"* (*a fol.* 256). Gie ezebit dokument li gie mmarkat bhala Dok. "JS" (*a fol.* 257 u 258).

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2016, xehed **Mark Garreth** (*a fol.* 275 *et seq.*) fejn spjega li huwa *Principal Pharmacy Technician* u li kien qed

jirraprezenta lil *Pharmacy of Your Choice*, id-*Drug Control Unit*. Mistoqsi jaghti informazzjoni dwar kemm l-imputat ilu licenzjat biex ikollu sustanzi skond ma jirrizulta mir-*records* taghhom, jghid li bhala l-ewwel data li ghandhom bhala *Control Card* din giet *issued* fil-15 ta' Marzu 2007. Jghid li din il-*Control Card* inharget lill-imputat kull sena pero l-ahhar wahda skadiet fi Frar u sa issa (Mejju 2016) kienet ghadha ma gietx imgedda. Jghid li l-imputat jiehu s-sustanza *lorazepam* maghruf bhala *Ativan* tal-1mg. Jghid li din id-doza baqghet l-istess mis-sena 2007. Jghid li mhuwiex f'pozizzjoni jixhed fuq qabel is-sena 2007 peress li d-Dipartiment kien f'idejn il-*Health Inspectorate Unit*. Huwa pprezenta dokument li gie mmarkat bhala Dok. "MG" (*a fol.* 278).

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2016, xehed **Joseph Zammit** (*a fol.* 280) in segwitu tal-inkarigu moghti lilu mill-Qorti fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 274). Huwa pprezenta r-rapport redatt minnu liema rapport gie mmarkat bhala Dok. "JZ 1" (*a fol.* 281 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi fl-istqarrija (*a fol.* 10 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat u huwa rrifjuta li jiehu dan id-dritt, huwa qal affarijiet fuq l-istess linji li xehed fuqhom meta ta d-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti. Ikkonferma li l-pjanti in kwistjoni huwa ppustjahom go zewg serer tal-plastik u ghaddielhom id-dawl bit-*timer*. Mistoqsi jghid ghala qaghad jidhol f'dan l-izbrigu u spejjez, wiegeb: *"Serra minnhom kienet ghandi diga ghax kienet tuzaha l-mara biex tpoggi l-fjuri fiha u l-ohra xtrajtha jien b'Euro70. It-'timer' u l-'extension' kienu diga ghandi"* (*a fol.* 11). Mistoqsi jghid jekk meta bdiet tikber l-ewwel pjanta ndunax li kienet pjanta tal-*Cannabis*, wiegeb li ma kienx cert mija fil-mija imma ssuspetta. Mistoqsi jghid xi skop kellu wara dawn il-pjanti, wiegeb: *"Biex nara jekk humiex tajbin ghat-tipjip jew le. Ghax sa fejn naf jien il-pjanti tal-marijuana meta jitkabbru ghad-droga z-zerriegha tinxtara minn barra minn Malta"* (*a fol.* 12). Ghad-domanda: *"Issa inti hemmhekk kellek fuq l-ghoxrin pjanta. Dawk kont ha tpejjiphom kollha inti?"* (*a fol.* 12), wiegeb: *"L-ewwel nett dawk nofshom trid teliminhom*

*ghax ikunu rgiel u li jibqghalek tajbin mill-kumplament hi l-fjura biss mhux il-weraq. Jigifieri jekk jibqghali ghaxra minn ghoxrin, li kien ha jibqghali ghaxar fjuriet mhux ghaxar pjanti shah. Skond dil-'website', iktar kemm iz-zerriegha ikollha 'strains' tajbin iktar tipproduci fjura kbira u iktar kemm tkun kbira l-pjanta inqas tkun qawwija 'bud' u l-fjura tkun izghar. Jien fil-fatt kif rajthom jikbru hekk kont se nqaccathom. Iz-zerriegha li uzajt jien hija l-iktar wahda inferjuri"* (*a fol.* 12). Jghid li hadd aktar ghajru ma kien jaf bihom dawk il-pjanti u li huwa qatt ma biegh jew offra droga lil xi hadd. Jghid li l-pjanti hu biss kien jiehu hsiebhom u li kienu kollha ghalih ghax nofshom kien se jkollu jqaccathom. Jghid: *"Li ghamilt semplicement ghall-kurzita' u ma kelli l-ebda skop li naghmel xi 'business' u minnhom semplicement qatt ma hadt xejn ghadni u dawk kienu tal-ewwel u l-ahhar"* (*a fol.* 12).

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li minn tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat f'Haz-Zebbug fit-18 ta' Marzu 2011 nstabu, fost l-ohrajn, ammont zghir ta' zerriegha, zewg serer li fihom li kien hemm erbatax (14) il-qasrija li fihom kien hemm wiehed u ghoxrin (21) pjanta ta' daqs differenti u hdejn is-serer kien hemm barmil li fih kien hemm pjanta ohra suspettata tal-*Cannabis*. Eventwalment gew mibdija l-proceduri odjerni fil-konfront tal-imputat u l-imputat gie akkuzat li kkoltiva l-pjanta *Cannabis*, b'pussess aggravat tal-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha u kif ukoll b'pussess semplici ta' *Cannabis*.

Illi l-Qorti ser issa tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputat.

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Koltivazzjoni tal-Pjanta *Cannabis*)</u>:**

Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kkoltiva l-pjanta tal-*Cannabis*. Riferenza ghandha ssir ghar-rapport li gie mhejji mix-Xjenzat Godwin Sammut, f'liema rapport (Dok. "GS" – *a fol.* 50 *et seq.*) ix-Xjenzat Sammut wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

"(a) Illi l-pjanti kienu t-tip ta' *Cannabis sativa*.

(b) Li fuq il-weraq tal-pjanti li hemm fid-dokumenti 098_11_01 sa 098_11_15 instabu *trichomes*, fattizzi tal-weraq tal-pjanta tal-Kannabis.

(c) Li l-pjanti li kien hemm fil-fond hawn fuq imsemmi u li hemm fid-dokumenti 098_11_01 sa 098_11_15 f'ammont nett totali ta' <u>98.21 grammi</u> minghajr gheruq u zkuk, kienu dawk tal-Kannabis. Il-purita' kienet ta' cirka 7%. Il-pjanta tal-kannabis hija kkontrollata bil-ligi taht Taqsima III tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-pjanta tal-kannabis ikun fiha s-sustanza <u>*Tetrahydrocannabinol*</u>, kif instab fid-dokumenti li gew analizzati, jigifieri d-dokumenti 098_11_01 sa 098_11_15. Is-sustanza *Tetrahydrocannabinol* hija kkontrollata bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Taqsima A, tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-prezz ta' *Cannabis herb* huwa ta' €13 kull gramma. Il-piz totali ta' *Cannabis herb* huwa ta' 98.21 grammi li jaghti valur ta' €1,276.73 [ara appendici I].

(d) Illi 2 minn 4 zerriegha li kienu fid-dokument 098_11_16 kienu germinabli" (*a fol.* 58-59)".

Illi aktar il-fuq f'din is-sentenza diga nghad x'instab fir-residenza tal-imputat. Apparti minn dan, l-imputat ikkonferma li kien hu li kien hawwel il-qsari li nstabu mill-Pulizija u din il-konferma stqarrha kemm meta hu rrilaxxa l-istqarrija tieghu lill-Pulizija qabel gie mressaq il-Qorti u kif ukoll meta l-imputat xehed f'dawn il-proceduri. Tenut kont ta' dan kollu jsegwi li l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab taghha.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Pussess Aggravat ta' *Cannabis*)</u>:**

Illi jibda biex jinghad li l-Qorti hasbet fit-tul dwar din l-imputazzjoni u dana *stante* li minn daqqa t'ghajn lejn dak li nstab fir-residenza tal-imputat (u dana qed jinghad minhabba n-numru

ta' qsari u pjanti li nstabu fiz-zewg serer)[2] u ta' dak li jirrizulta mir-rapport tax-Xjenzat Godwin Sammut wiehed *jista'* (erronjament), minghajr ma jikkonsidra l-assiem kollu tal-provi prodotti, jasal ghal konkluzjoni li dak li nstab ghand l-imputat ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu. Pero l-Qorti hija obbligata li tiehu in konsiderazzjoni dak **kollu** li jirrizulta fl-atti u d-dubju ghandu jimmilita favur l-imputat.

Illi din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **Lord Chief Justice Widgery** fil-kawza **R. v. Cooper** ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-Artikolu tal-ligi Ingliza S. 2(1)(a) tal-*Criminal Appeal Act*, 1968):

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[3]

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Marius Magri** deciza fit-12 ta' Mejju 2005, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-Prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, *ossia*

---

[2] *Vide* rapport redatt minn PS 1147 Antoine Fenech (liema rapport jinkludi wkoll faxxikolu fotografiku) (Dok. "AF" – *envelope loose*).

[3] *Vide* wkoll Blackstone's Criminal Practice (1991), p. 1392.

cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. **Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio** [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga jkun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri** [2.9.1999].)

Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-Gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-Gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi *hard and fast rule* x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assiem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-Gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-Gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli. (App. Krim. **Il-Pulizija vs. Brian Caruana** [23.5.2002])".

Illi fis-sentenza taghha tat-18 ta' Awwissu 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Abela**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet hekk:

"Li stabbilit li kull kaz irid ikun studjat ghalih, kif ukoll li ndizju wiehed hu bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-pussess ikun wiehed aggravat, il-Qorti pero` trid tkun sodisfatta mill-provi migjuba li dawn iwasslu ghal din il-konkluzjoni. Meta l-ammont ma jkunx wiehed li normalment jassocja ma' uzu esklussiv da parti tal-possessur, ikun jispetta lill-imputat, imqar fuq bazi ta' probabbilta`, li jipprova li dak kien ghall-uzu esklussiv tieghu w dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101".

Illi, fir-rigward tal-kaz odjern, il-Qorti tinnota li f'dan l-istadju m'hemmx ghalfejn terga' ssir riferenza ghal dak li nstab fir-residenza tal-imputat u ghall-konkluzjonijiet li wasal ghalihom ix-Xjenzat Godwin Sammut fir-rapport tieghu u dana *stante* li dan diga nghad aktar il-fuq f'din is-sentenza. Apparti dan, il-Qorti tinnota wkoll li mill-atti processwali jirrizultaw is-segwenti:

- Il-fedina penali tal-imputat li giet ezebita fl-atti hija wahda nadifa (Dok. "JF 1" – *a fol.* 44).

- L-Ufficjal Prosekutur Fenech filwaqt li kkonferma li l-imputat ghazel li jwiegeb ghall-mistoqsijiet li sarulu meta giet mittiehda l-istqarrija tieghu, u dana minkejja li hu nghata t-twissija li setgha jibqa' sieket, ikkonferma wkoll li l-imputat ikkoopera.

- Ix-Xjenzat Godwin Sammut spjega li: *"Il-pjanti kienu zghar wisq, early reproductive stage"* (*a fol.* 207). Huwa kkalkula li bl-ammont li gie mghoddi lilu setghu jsiru 491 *reefers* jew *joints*.

- L-iSpizjar Mario Mifsud jispjega li l-kontenut ta' THC fil-qsari tal-*Cannabis* li jkunu rgiel ikun inqas minn dak fin-nisa.

- Meta l-imputat xehed f'dawn il-proceduri huwa baqa' konsistenti ma' dak li nghad minnu meta rrilaxxa l-istqarrija lill-Pulizija.

- L-imputat jispjega li huwa kien ipejjep il-haxixa regolarment u specifika li kien ipejjep bejn seba' (7) jew tmien (8) *joints* kuljum. Jirrizulta wkoll li l-imputat kien ibghati b'attakk nervuz u bid-*depression* tant li kien jinghata l-*Ativan* u meta gismu beda jidrahom, beda juza' l-*Cannabis* u beda jpejjep il-*joints*. Spjega minn xiex kien jghaddi fejn kien anke jaghmel numru ta' granet ma jistghax jorqod.

- *Da parte* tieghu l-imputat spjega kif huwa sar jaf kif ikabbar il-*Cannabis* u jghid x'ghamel u li ghamel hekk ghax hassu aktar komdu milli joqghod imur jixtri hdejn il-Kazin ta' San Bastjan f'Hal-Qormi bis-sogru li jinqabad.

- L-imputat jishaq li huwa ma kellux esperjenza ta' tkabbir u li ma kienx jaghraf bejn in-nisa u l-irgiel tal-pjanta in kwistjoni. Jispjega li r-raguni ghala spicca b'wiehed u ghoxrin (21) pjanta kienet ghax wara li kien tefa' z-zerriegha u ra li ma kienux kibru, rega' tefa' z-zerriegha u bdew jikbru.

- Fl-istqarrija rilaxxata minnu l-imputat jispjega li hadd aktar hliefu ma kien jaf bil-pjanti in kwistjoni u li huwa qatt ma biegh jew offra droga lil xi hadd u li ma kellu ebda skop li jaghmel xi negozju minnhom.

- Clifford Cauchi (*Principal Health Inspector* fid-*Drug Control Unit* spjega kif l-imputat inghata *Control Cards* biex hu jkun jista' jinghata dawk li huma *specified drugs* u cioé *narcotic and psychotropic drugs*. Cauchi kkonferma li l-imputat kien jinghata l-*Ativan*.

- Meta Mark Garreth (*Principal Pharmacy Technician* in rapprezentanza ta' *Pharmacy of Your Choice*, id-*Drug Control Unit*) gie mistoqsi jghid kemm l-imputat ilu licenzjat biex ikollu sustanzi skond ma jirrizulta mir-*records* taghhom, huwa wiegeb li l-ewwel data li ghandhom bhala *Control Card* giet mahruga fil-15 ta' Marzu 2007 u li din baqghet tigi mahruga sena wara l-ohra. Ikkonferma li l-imputat jiehu s-sustanza *lorazepam* maghruf bhala *Ativan* tal-1mg u li d-doza baqghet l-istess mis-sena 2007.

- Il-konsulent psikjatra Dr. Joseph Spiteri kkonferma li l-imputat kellu l-problema tad-*depression* u li ghamel uzu ta' certu sustanzi. Ikkonferma wkoll li l-imputat kien jiehu ammonti kbar ta' *Ativan* li jiddeskrivi li fihom infushom huma *drugs of addiction* u li jgieghluk taghmel affarijiet li mhux suppost taghmilhom.

- Fis-*Social Inquiry Report* (Dok. "SB" – *a fol.* 232 *et seq.*) redatt mill-Ufficjal tal-*Probation* Svetlana Bezzina, Bezzina tghid, fost l-ohrajn, is-segwenti: *"Mill-informazzjoni migbura jirrizulta wkoll li Walter Desira ilu mizzewweg ghal aktar minn ghaxar snin u li*

*ghandu zewgt itfal. B'konsistenza ma' dak li jsostni l-imputat, persuni vicin tieghu jirraportaw perjodu negattiv f'hajtu, f'liema zmien, li jmur lura ghal perjodu qabel ma gie arrestat fuq il-kaz odjern, l-imputat jidher li traskura lil martu u l-irwol tieghu ta' missier. L-imputat jirrelata dan mal-uzu tieghu tad-droga kannabis f'dan iz-zmien u fil-prezent jidher li qieghed jaghraf u jahdem sabiex jaghmel tajjeb ghaz-zmien mitluf"* (*a fol.* 238 *tergo*).

Illi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha d-difiza tghid hekk: *"Tul il-mori ta' dawn il-proceduri, il-Prosekuzzjoni naqset milli ggib mqarr xhud wiehed u/jew prova wahda jew inkella xi forma ta' indizzji cirkostanzjali univoci li ma jhallu lok ghall-ebda dubju dettat mir-raguni u li jwassal ghall-konkluzjoni li jgiddbu dak li qal l-esponenti. Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dan in-nuqqas, il-prova li tikkonferma l-allegazzjoni tal-Prosekuzzjoni li tali droga ma kinietx ghall-uzu esklussiv tal-esponenti baqghet ma ngiebet qatt"* (*a fol.* 301). Aktar tard fin-Nota msemmija d-difiza tghid hekk: *"Apparti l-piz tad-droga, fil-kaz odjern, hemm assenza kompleta ta' xi cirkostanza ohra li tikkorrabora t-tezi tal-Prosekuzzjoni bhal ma huma n-nuqqas ta' sejbien ta' xi mizien, boroz, ismijiet, numri tat-telefon, jew affarijiet ohra relatati mat-traffikar tad-drogi li setghu forsi b'xi mod jew iehor jindikaw kuntatti li l-esponenti setgha kellu mal-allegati klijenti tieghu. Ta' min jinnota wkoll illi ma ngiebet l-ebda prova li l-imputat jaghmel xi qligh finanzjarju jew kellu aspettativa ta' qligh finanzjarju minn din id-droga. Ghall-kuntrarju mir-relazzjoni tal-Avukat Dr. Vincent Galea jemergi illi l-imputat ma kellux xi assi ta' barra minn hawn"* (*a fol.* 304).

Illi meta l-Qorti tiehu in konsiderazzjoni dak kollu li nghad hawn fuq fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinnota li d-difiza ghandha ragun fl-argumenti hawn fuq kwotati u esposti minnha fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha.

Illi l-Qorti tinnota li minkejja li l-ammont ta' droga misjub ghand l-imputat ma kienx wiehed li jista' jigi deskritt bhala wiehed zghir, fl-istess waqt il-Qorti tirrikonoxxi dak li nghad fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Brian Caruana** li saret riferenza ghaliha fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Marius Magri** kwotata hawn fuq, fejn il-Qorti sahqet li huwa l-Gudikant li jrid jasal ghal konvizjoni fuq il-fattispejci li jkollu

quddiemu li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat u li ma jistax ikun hemm xi *hard and fast rule* dwar x'inhuma c-cirkostanzi indikattivi.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, wara li din il-Qorti rriflettiet fit-tul u qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti ma jirrizultalhiex sodisfacentement pruvat li l-*Cannabis* misjub ghand l-imputat kien intiz ghall-ispacc. F'dan il-kaz, din il-Qorti ghandha dak il-*lurking doubt* li jrid iwassal biex id-dubju dettat mir-raguni jmur favur l-imputat. Konsegwentement, din il-Qorti mhijiex sodisfatta illi hemm provi sufficjenti li jindikaw illi d-droga ma kienetx ghall-uzu esklussiv tal-imputat. B'hekk jirrizulta li t-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat ma gietx sodisfacentement pruvata u ghaldaqstant l-imputat ser jigi liberat minnha.

**It-Tielet (3) Imputazzjoni**
**(Pussess Semplici ta' *Cannabis*):**

Illi, tenut kont ta' dak li jirrizulta mill-atti processwali, b'mod partikolari mill-konkluzjonijiet raggunti fir-rapport (Dok. "GS" – *fol.* 50 *et seq.*) redatt mill-iXjenzat Godwin Sammut jirrizulta li din l-imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata. Apparti minn dan, ta' min jinnota wkoll li fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu (*a fol.* 300), l-imputat jammetti li kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *Cannabis*. B'hekk m'hemmx dubju li l-imputat ser jinstab hati tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi huma biss l-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjonijiet li gew sodisfacentement pruvati.

Illi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha d-difiza titlob, minghajr pregudizzju ghal dak kollu espost minnha fin-Nota taghha, li jigi applikat Artikolu 7 tal-Kapitolu 537[4] tal-Ligijiet ta' Malta u/jew ta'

---

[4] Dan l-Artikolu jiddisponi s-segwenti: "*Persuna li tinstab hatja ta' kultivazzjoni tal-pjanta tal-kannabis fi kwantita` zghira li ma taqbizx pjanta wahda, f'cirkostanzi fejn il-Qorti tkun sodisfatta li tali kultivazzjoni kienet ghall-uzu personali m'ghandhiex tkun soggetta ghal terminu mandatorju ta' prigunerija u m'ghandhiex tkun soggetta ghall-esklużjoni tal-applikazzjoni ta' ordni ta' probation jew ta' sospensjoni ta' terminu ta' prigunerija previsti fil-ligijiet dwar id-droga*".

Artikolu 29 tal-Kapitolu 101[5] tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti tinnota li l-ebda wiehed minn dawn l-Artikoli msemmija ma ghandu applikazzjoni ghal kaz odjern u dana minhabba ta' dak li jipprovdu z-zewg artikoli msemmija meta paragunat mal-ammont ta' pjanti misjuba fir-residenza tal-imputat (u dana qed jinghad fir-rigward ta' Artikolu 7 tal-Kapitolu 537) u tenut kont tal-fatt li minkejja li jirrizulta li l-imputat ikkoopera mal-Pulizja ma jirrizultax li hu ghen lill-istess Pulizija kif jezigi Artikolu 29 tal-Kapitolu 101.

Illi dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati li gew pruvati, il-Qorti tibda billi tinnota li fis-sentenza taghha tat-2 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Jibqa' pero` il-fatt inkwetanti tal-ammont ta' droga nvoluta, ammont li fih innifsu kien jikkostitwixxi perikolu ghal terzi, ghax dak li jkun jista' facilment jiddeciedi li, flok ma juza d-droga esklussivament hu, jaqsamha ma' haddiehor."

Ghalhekk, f'dak il-kaz il-Qorti xorta wahda ghaddiet sabiex tinfliggi piena ta' prigunerija effettiva.

Il-Qorti tinnota wkoll li fis-sentenza taghha tat-13 ta' Ottubru 2009 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. David John Buttigieg**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> "…l-ammont involut, billi kien wiehed konsiderevoli, xorta wahda kien jipprezenta perikolu ghal terzi, ghax dejjem ikun hemm il-perikolu li min ikollu dik il-kwantita` jista' jasal biex joffri, anke jekk minghajr hlas, xi ftit minnha lil haddiehor li jkun hekk imhajjar. Fi kliem iehor, il-fatt li jkun hemm pussess semplici (cioé mhux aggravat) izda ta'

---

[5] Dan l-Artikolu jghid hekk: *"Meta dwar persuna misjuba ħatja ta' reat kontra din l-Ordinanza, il-Prosekuzzjoni tiddikjara fil-proċess li dik il-persuna tkun għenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-mediċina, jew il-persuna misjuba ħatja kif intqal qabel tipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun hekk għenet lill-Pulizija, il-piena titnaqqas, dwar priġunerija, bi grad wieħed jew tnejn, u dwar piena pekunjarja, b'terz jew b'nofs".*

ammont sostanzjali ta' droga, ghandu, bhala regola, igorr mieghu xorta wahda l-piena ta' prigunerija".

Filwaqt illi din il-Qorti tikkondividi dan il-hsieb espost hawn fuq, fl-istess hin kull kaz irid jigi determinat a bazi tac-cirkostanzi partikolari tieghu. *Di fatti,* apparti li l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni dak kollu li nghad hawn fuq, ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni s-segwenti:

- in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat u li gew pruvati;

- il-fedina penali (Dok. "JF 1" – *a fol.* 44) tal-imputat li hija wahda kompletament nadifa;

- ghalkemm l-imputat ma rregistrax ammissjoni f'dawn il-proceduri, pero jirrizulta li huwa kkoopera mal-Pulizija waqt l-investigazzjonijiet taghha;

- dak li jirrizulta mis-*Social Inquiry Report* redatt mill-Ufficjal tal-*Probation;*

- it-trapass taz-zmien minn mindu sehhew il-fatti li taw lok ghal proceduri kriminali odjerni fil-konfront tal-imputat sad-data tas-sentenza prezenti;

- il-fatt li jidher li l-imputat mixi fit-triq it-tajba;

- il-fatt li ser jigi applikat Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

- il-fatt li Artikolu 22(1B) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk: "*Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza ghal traffikar f'medicina, tinkludi l-<u>koltivazzjoni</u>, l-importazzjoni f'dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kienetx ghall-uzu esklussiv tal-hati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni,*

*il-provvista, li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti, u l-ghoti ta' informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta' tali medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza*" [emfazi mizjuda].

Il-Qorti tinnota li tenut kont tal-fatt li r-reat ta' koltivazzjoni gie pruvat u li dan jinkwadra fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti, skont l-Artikolu 22(9) tal-istess Kapitolu, la tista' tinzel taht il-minimu tal-piena, la tista' tapplika sentenza sospiza, u anqas tista' tapplika d-dispozizzjonijiet tal-Att dwar il-*Probation* u ghalhekk trid necessarjament tirrestringi ruhha ghall-parametri tal-piena stabbilita' u ċioé dik ta' minimu ta' prigunerija ghal zmien mhux inqas minn sitt xhur izda mhux izjed minn ghaxar snin apparti li l-ligi tipprovdi wkoll ghall-hlas ta' multa ta' mhux anqas minn €465.87 u mhux izjed minn €11,646.87.

Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ser tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta' prigunerija effettiva u ghall-hlas ta' multa liema piena ser tkun tqarreb aktar lejn il-minimu milli lejn il-massimu.

Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnha, wara li rat:

Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

Taqsima III, Artikoli 8(a), 8(c), 22(2)(b)(i), u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta,

u

Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Ligijiet ta' Malta,

issib lill-imputat Walter Desira hati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' ghoxrin (20) xahar prigunerija u ghall-hlas ta' multa ta' tlitt elef Euro (€3000.00).

*Ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri, u cioé is-somma ta' tlitt elef u tlieta u tmenin Euro u tmienja u hamsin centezmu (€3083.58).[6]

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezibita (u tal-affarijiet relatati maghha) hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Finalment, il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-hati.

___________________________

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

___________________________

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**

---

[6] Xjenzat Godwin Sammut (€289.45) (Dok. "GS" – *a fol.* 59 *tergo*); Perit Richard Aquilina (€187.41) (Dok. "RA" – *a fol.* 96); PS 74 Mark Chetcuti (€51.25) (Dok. "MC" – *fol.* 111); PS 1147 Antoine Fenech (€301.32) (Dok. "AF" – *envelope loose*); Dr. Vincent Galea (€1960.33) (Dok. "WD/VG" – *envelope loose*); Is-Sur Joseph Zammit (€293.82) Dok. "JZ 1" – *a fol.* 285 *tergo*).